## L-istatistiċi dwar l-enerġija ***I

P6_TA(2008)0090

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi dwar l-enerġija (COM(2006)0850 — C6-0035/2007 — 2007/0002(COD))**

(2009/C 66 E/31)

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0850),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE, skond liema artikolu l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0035/2007),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 285(1) tat-Trattat KE,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A6-0487/2007),

1. japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**P6_TC1-COD(2007)0002**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Marzu 2008 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru …/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistiċi dwar l-enerġija**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (KE) Nru …/2008.)*